# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 23**

**Rikors numru 154/23/1 JVC**

**Graziella Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fis-27 ta' Ġunju 2024 u li biha ċaħdet it-talba sabiex jiġi dikjarat li qiegħda ssofri minn ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha kif protett bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Għal dak li huma fatti, jirriżulta li:-

i. Fis-6 ta' Novembru 2004 l-attriċi tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kienet akkużata b'assoċjazzjoni ma' ħaddieħor sabiex tbigħ u tittrafika d-droga f'Malta, b'importazzjoni u pussess ta' droga. Mall-attriċi tressaq imputat ieħor li dak iż-żmien kien is-sieħeb tagħha. Il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar fil-konfront tal-imputati.

ii. Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2007 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq.

iii. Fil-15 ta' Frar 2007 ħareġ l-att tal-akkuża (numru 10/2007), fejn *inter alia* l-attriċi u l-akkużat l-ieħor kienu akkużati bl-importazzjoni f'Malta ta' madwar disa' kilo u nofs raża tal-cannabis, pussess tal-istess, u assoċjazzjoni ma' terzi f'Malta u barra minn Malta sabiex jimportaw, jittraffikaw u jbiegħu d-droga f'Malta. Skont it-tielet kap tal-att ta' akkuża l-imputat l-ieħor kien f'diversi drabi xtara d-droga minn Napli, u l-attriċi kienet takkumpanjah u tagħtih il-flus.

iv. Fl-10 ta' Jannar 2008 il-każ tal-akkużat l-ieħor kien deċiż mill-Qorti Kriminali wara li ammetta għall-akkużi. Fis-sentenza l-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-assi favur il-Gvern ta' Malta.

v. Il-ġuri tal-attriċi kien appuntat għas-seduta tal-5 ta' Jannar 2009. Madankollu, ftit wara l-attriċi bdiet tippreżenta rikorsi minħabba li kellha

bżonn issiefer għall-kura medika. Il-ġuri baqa' jiġi pospost minħabba li l-attriċi kienet qiegħda tirċievi kura medika.

vi. Imbagħad fl-24 ta' Ottubru, 2016 l-attriċi ppreżentat rikors fejn ikkontestat l-istqarrija li tat lill-pulizija għaliex ma kinitx assistita minn avukat. Dan kien ostakolu ieħor biex isir il-ġuri (ara verbal tal-31 ta' Mejju 2017 tal-Qorti Kriminali). Fil-fatt l-attriċi fetħet kawża kostituzzjonali 83/2016 li ġiet deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-27 ta' Frar 2018 u mill-Qorti Kostituzzjonali 27 ta' Settembru 2019.

vii. Wara dik il-kawża l-attriċi fetħet kawżi kostituzzjonali oħra 638/2021, li ġiet deċiża fit-30 ta' Marzu 2023 u ma sarx appell minnha. L-attriċi fetħet ukoll il-kawża 90/2023, il-kawża tal-lum u riċentement il-kawża 334/2024. Kawżi li għadhom pendenti.

viii. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta wkoll li b'digrieti li ngħataw fil-21 ta' Ottubru 2015, 27 ta' April 2016 il-Qorti Kriminali rrilaxxat kontijiet bankarji li l-attriċi kellha mal-Bank of Valletta plc. Imbagħad b'digriet tal-1 ta' Awwissu 2018 il-Qorti awtorizzat ir-rilaxx ta' €61,000 li kienu depożitati l-Qorti.

ix. Fit-23 ta' April 2019 l-attriċi talbet ir-rilaxx ta' ¼ sehem minn tliet immobbli li flimkien ma' ħutha wirtet mingħand missierha. B'digriet mogħti fl-14 ta' Novembru 2019 (fol. 639) il-Qorti ċaħdet it-talba.

x. Mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2023 li saret fil-Qorti Kriminali, jirriżulta li l-ġuri għadu ma jistax isir minħabba l-kawżi kostituzzjonali pendenti.

3. Fir-rikors promotur l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

> *"21. Għaldaqstant, fid-dawl u tas-suespost kollu, r-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*
>
> *1. Tiddikjara u tiddeċiedi li hija sofriet u/jew qegħda ssofri leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha hekk kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż li jiġi annulat u rrevokat l-Ordni ta' Iffriżar mertu ta' din il-kawża;*
>
> *3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*
>
> *4. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*
>
> 5. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha ulterjuri li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti".*

4. Il-konvenuti wieġbu li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittimu kontradittur u li l-attriċi m'eżawritx ir-rimedji ordinarji. Fil-meritu kkontestaw it-talbiet.

5. B'sentenza li ngħatat fis-27 ta' Ġunju 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din l-Qorti ser tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-ilment kostituzzjonalli odjern billi tichad l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur u tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji u tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti stante li mhux sufficjentement ippruvati.*

*In vista li gew michuda zewg eccezzjonijiet tal-intimati r-rikorrenti ghandha tbaghti 2/3 tal-ispejjez filwaqt li l-intimati ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 1/3 tal-ispejjez."*

6. *Inter alia* r-raġunament tal-Ewwel Qorti dwar il-meritu kien dan:

*"Illi din il-Qorti izda tirrileva wkoll li f'kaz li l-akkuzat jirrizulta li jkun iddispona mir-rikavat derivanti mill-att kriminali, l-Istat xorta wahda jkoll jibqalu d-dritt li jirkupra l-ekwivalenti mill-proprjetà' rimanenti tal-akkuzat mal-kundanna, ghaldaqstant l-ordni ta' ffrizar logikament ma jistax ikun limitat biss ghal fondi diretti derivanti mill-att kriminali izda ohrajn li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-istess.*

*Illi da parti taghhom l-intimati jissottomettu li fl-atti odjerni hemm assenza assoluta ta' provi u jsostnu fil-fatt dak li gia kkummentat din il-Qorti, li r-rikorrenti naqset milli tixhed quddiemha jew tipprezenta affidavit sabiex tispjega kif giet pregudikata bil-hrug tal-Ordni ta' ffrizar. Jinsistu ghalhekk li din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

*Illi fil-fatt din il-Qorti tinnota li r-rikorrenti lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma ghamlet referenza ghal xi partijiet tal-proceduri kriminali minn fejn din il-Qorti setghet forsi tislet xi fatti li jistghu jevidenzjaw il-pregudizzju u l-lezjoni allegatament sofferta minnha konsegwenza tal-ligi msemmija.*

*Illi l-Qorti rat fl-atti kriminali li, ghall-kuntrarju ta' kazijiet ohra li din il-Qorti u Qrati ohra kellhom l-okkazzjoni li jiddeciedu fuqhom, ir-rikorrenti odjerna fl-atti kriminali ghal diversi drabi kellha l-okkazzjoni li tintavola rikors sabiex jigi varjat l-ordni ta' ffrizar partikolarment fir-rigward tal-kontijiet tal-bank taghha b'dana li fil-kaz tar-rikorrent dawn ir-rikorsi rnexxew u l-ordni ta' ffrizar gie varjat favur l-istess rikorrenti.*

*Illi jirrizulta lill-Qorti li kien hemm okkazzjoni fejn wara rikors lill-Qorti dik il-Qorti rrifjutat li tillibera l-proprjetà parafernali tar-rikorrenti. Fil-fatt din il-Qorti taqbel mar-ragunament ta' dik il-Qorti f'dak il-kaz stante li kif gia inghad f'kaz li jirrizulta li dak derivanti mill-attivita' kriminali gie minfuq jew m'ghadux fid-dispożizzjoni tal-akkuzata allura l-Istat ghandu l-jedd li jdur fuq proprjetà' ohra tal-akkuzat. Fuq kollox il-jedd li xorta wahda thaddem il-proprjetà' parafernali ma giex kompletament eskluz fid-digriet ta' dik il-Qorti izda dik il-Qorti specifikat l-eventwalitajiet li tali talba kienet tigi kkunsidrat b'mod favorevoli.*

*Illi fil-kaz odjern din il-Qorti ma tistax ma taccettax l-argument tar-rikorrenti li effettivament l-ordni ta' ffrizar certament ikkrea certu ostakli lilha sabiex topera l-assi taghha liberament izda minn dak li rat din il-Qorti mill-atti, f'dan il-kaz partikolari, r-rikorrenti wkoll inghatat ampja opportunità li tvarja l-ordni ta' ffrizar a favur taghha. Kif inghad, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova u lanqas identifikat xi parti mill-provi fl-atti kriminali li jistghu juru lil din il-Qorti kif l-ordni ta' ffrizar tant affettwha li sehh ksur tad-dritt fundamentali taghha taht l-artikoli msemmija. Din il-Qorti tqis li mhux bizzejjed li r-rikorrenti titlob l-allegazzjoni tal-proceduri kriminali minghajr ma tiprova taghti spjegazzjoni b'referenzi ghall-istess ghalfejn tqis li d-drittijiet taghha gew lezi f'dawk il-proceduri. Il-Qorti rat li lanqas fis-sottomissjonijiet taghha r-rikorrent ma ghamlet l-ebda access ghall-kaz partikolari taghha izda strahet biss fuq gurisprudenza li mhux neccessarjament tikkontempla l-istess fatti specie tal-kaz taghha.*

*Illi l-Qorti tqis li mhux xoghol din il-Qorti li toqghod iddur hi kelma b'kelma l-atti kriminali, minghajr direzzjoni ta' xejn da parti tar-rikorrenti, sabiex b'xi mod issib xi att jew omissjoni li jista' jkun bi ksur tad-dritt fundamentali msemmija.*

***Konkluzjoni:***

*Illi in vista tan-nuqqas palesi ta' provi li jistghu iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra favorevolment l-ilment tar-rikorrenti, din il-Qorti tqis li jkun inutli li tidhol fl-argumenti l-ohra u l-eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-intimati w'ghaldaqstant, f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti ma giex sufficjentement ppruvat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.*"

7. Fit-2 ta' Lulju 2024 l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti filwaqt li l-konvenuti wieġbu fit-22 ta' Lulju 2024.

Konsiderazzjoni.

8. L-attriċi tilmenta mis-sentenza appellata għaliex issostni li l-ordni ta' ffriżar hu kontroll ta' użu tal-proprjetà tas-sid, u dan joħloq preġudizzju lis-sid. Ordni li qiegħda ċċaħħad lill-attriċi mill-użu u tgawdija ta' ħwejjiġha. L-attriċi qiegħda ssofri preġudizzju minħabba li għandha mmobbli li huma

maqbuda b'effett ta' dik l-ordni u li wirtet mingħand missierha. Għalkemm talbet li l-immobbli ma jibqgħux milquta mill-ordni ta' ffriżar, il-Qorti ċaħdet it-talba. Spjegat li dik hi l-problema ewlenija tagħha, u m'għandhiex rimedju li tista titlob lill-Qorti tal-Maġistrati ladarba t-talba ġiet miċħuda. L-Ewwel Qorti kellha wkoll tikkunsidra ż-żmien twil li l-attriċi qattgħet barra minn Malta għall-kura medika, u biex siefret kellha tagħti depożitu ta' €50,000. Flus li għamel tajjeb għalihom missierha. In sostenna tal-aggravju l-attriċi għamlet ukoll referenza għas-sentenzi <u>Shorazova v. Malta</u> tal-QEDB tat-3 ta' Marzu 2022, <u>Filkin v. Portugal</u> tal-QEDB deċiża fit-3 ta' Marzu 2020, <u>Apostolovi v. Bulgaria</u> tal-QEDB tas-7 ta' Frar 2020 u <u>Keith Schembri et v. L-Avukat tal-Istat et</u> tal-Prim'Awla tat-23 ta' April, 2021.

9. Ordni ta' ffriżar:

i. Hu ndħil fil-ġid li tippossjedi persuna;

ii. F'dan il-każ hu evidenti li l-ordni nħarġet skont il-liġi Maltija. Miżura ntiża biex tassigura l-konfiska li tista' tordna qorti f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-akkużi. B'hekk l-assi tal-akkużat jibqgħu disponibbli matul il-proċess kriminali. Wieħed irid japprezza wkoll l-akkużi serji li hemm kontra l-attriċi, u ċjoè dak ta' importazzjoni f'Malta ta' madwar disa' kilo u nofs raża tal-cannabis, pussess tal-istess u assoċjazzjoni ma' terzi

f'Malta u barra minn Malta sabiex jimportaw, jittraffikaw u jbiegħu d-droga f'Malta.

iii. Il-kwistjoni prinċipali hi dwar jekk kienx hemm proporzjonalità raġonevoli bejn l-iskop wara l-ordni u l-miżuri li ttieħdu biex jiġi ottenut dak l-għan. F'dan il-kuntest peress li l-ordni ta' ffriżar tfisser li l-persuna ma tistax tiddisponi liberament minn dak kollu li tippossjedi, irid ikun hemm garanziji proċedurali biex jiġi assigurat li l-miżura ma tkunx arbitrarja jew sproporzjonata;

iv. Dawk milquta minn ordni ta' ffriżar għandhom ikollhom opportunità raġonevoli li jressqu l-każ tagħhom quddiem il-Qorti sabiex b'hekk jinħoloq bilanċ xieraq bejn l-interessi differenti. Imbagħad irid jiġi determinat jekk il-proċeduri rilevanti kinux jilħqu dik il-ħtieġa.

10. Fil-każ tal-lum iktar minn 20 sena wara l-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar, għadu fis-seħħ. Madankollu, mill-atti tal-proċeduri kriminali hu evidenti li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huma eċċezzjonali. Fil-fatt meta kien ser isir il-ġuri, appuntat għas-16 ta' Marzu 2009, fuq talba tal-attriċi kull darba ġie pospost minħabba li l-attriċi kienet qiegħda tirċievi kura medika barra minn Malta. L-Avukat Ġenerali u l-Qorti Kriminali taw lill-attriċi kull opportunità sabiex tkun tista' tikkura lilha nnifisha bl-aħjar mod. Din mhijiex kawża li twalet dawn is-snin kollha minħabba nuqqas tal-awtoritajiet, imma għas-sempliċi raġuni li l-attriċi mardet u kienet qiegħda

tirċievi l-kura. Fil-fatt fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 l-avukati ddikjaraw li, *"... l-kwistjonijiet legali huma kollha sorvolati u kien biss l-istat mediku tal-akkużata li żżomm il-ġuri milli jsir"*. Dakinhar taw tagħrif dwar meta l-attriċi kienet ser terġa' ssiefer għall-kura. Imbagħad mis-sena 2016 l-attriċi fetħet sensiela ta' kawżi kostituzzjonali li wasslu biex il-kawża kriminali tkompli titwal. L-ewwel kawża li fetħet kienet dwar l-istqarrija li tat lill-pulizija mingħajr ma kienet assistita minn avukat. Kawża li nqatgħet b'mod finali b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru 2019. Però minflok l-attriċi fetħet kawża waħda fejn ġabret l-ilmenti f'daqqa, ippreżentat xejn inqas minn ħames kawżi kostituzzjonali. L-iktar waħda riċenti tkun dik bin-numru 334/2024, li ffirmat hi stess bħala avukat, u li skont il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2024 qiegħda tistenna l-eżitu ta' din il-kawża peress li hi konnessa. Il-kawża tal-lum u dik bin-numru 334/2024 mhumiex ta' ostakolu sabiex isir il-ġuri ġialadarba jikkonċernaw biss l-ordni ta' ffriżar.

11. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta wkoll li l-istat ta' saħħa tal-attriċi u l-kura medika li kienet qiegħda tirċievi komplew ikunu ta' ostakolu biex jiġi reġistrat progress fil-proċeduri kriminali. Għalhekk l-argument tal-attriċi li ordni ta' ffriżar ikun oġġettivament ġustifikat, *"18..... fl-eventwalita' li jkun hemm prosekuzzjoni li kapaċi tagħlaq il-każ tagħha fi żmien raġonevoli"*, ma jgħiniex. Il-każ tal-attriċi għadu pendenti żgur mhux minħabba r-raġuni li semmiet l-attriċi. Għalhekk dak ir-raġunament tal-attriċi hu barra minn loku fil-każ in eżami.

12. Għalkemm skont l-Art. 22A(2) tal-Kap. 101 l-ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-proċediment jinqata' b'mod finali u f'każ ta' sejbien ta' ħtija sakemm isseħħ l-eżekuzzjoni, hu fatt ukoll li l-liġi stess tipprovdi għall-proċedura sabiex tinbidel l-ordni. F'dan ir-rigward skont l-Art. 22A tal-Kap. 101, il-Qorti:

i. Tista' tawtorizza ħlas ta' djun lill-kredituri *bona fide* dwar krediti li jkunu saru qabel l-ordni (subinċiż 1(a));

ii. Tawtorizza għal raġuni tajba t-trasferiment ta' mobbli jew immobbli (subinċiż 1(b));

iii. Tista' *"f'ċirkostanzi partikolari"* tibdel dik l-ordni (subinċiż (3));

13. Ir-rimedju taħt l-Art. 22A(3) jista' jingħad li hu wiesa'. Għalkemm ma jistax iwassal għar-revoka tal-ordni ta' ffriżar, il-Qorti tqis li l-liġi qiegħda tagħti rimedju effettiv lill-akkużata. Taqbel jew ma taqbilx mad-digriet li tat il-Qorti Kriminali dwar il-ġid li l-attriċi wirtet mingħand missierha, hu fatt li dik id-dispożizzjoni tagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti Kriminali dwar it-tibdil li tista' tordna fir-rigward tal-ordni ta' ffriżar.

14. Matul il-proċeduri kriminali kien hemm okkażjonijiet li fihom l-attriċi talbet u l-Qorti akkordat ir-rilaxx ta' kontijiet bankarji li l-attriċi għandha

mal-Bank of Valletta plc, inkluż somma konsiderevoli ta' flus li kienet depożitata fil-Qorti. Hekk per eżempju b'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2015 il-Qorti awtorizzat ir-rilaxx ta' sitt kontijiet bankarji li kienu nfetħu mill-attriċi wara s-sena 2011. Fid-digriet li l-Qorti Kriminali tat fil-21 ta' Ottubru, 2015 (fol. 386) qalet li kien jidher li l-flus miżmuma f'dawk il-kontijiet ma kinux marbuta mal-allegat reat li seħħ fis-sena 2004. Għalhekk awtorizzat lill-attriċi biex *"... tamministra dawn il-kontijiet liberament"*.

15. Fir-rikors tal-appell l-attriċi għamlet enfasi dwar il-preġudizzju li qalet li sofriet bid-digriet tal-14 ta' Novembru 2019 li bih il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba għar-rilaxx tas-sehem ta' ¼ minn tliet immobbli, u li wirtet flimkien ma' ħutha mingħand missierha. Missier l-attriċi miet f'Settembru 2014, u t-talba saret b'rikors tat-23 ta' April 2019. L-attriċi bbażat it-talba tagħha fuq l-argument li dak il-ġid ma kienx ġej minn reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet ukoll li ladarba l-akkwist sar wara l-allegat reat, l-ordni tal-iffriżar m'għandux jolqot dawk l-immobbli. Li ma qalitx l-attriċi hu li jekk trid tittrasferixxi sehemha mill-immobbli tista' tagħmel talba lill-Qorti Kriminali skont Art. 22A(1)(b) tal-Kap. 101. Fid-digriet il-Qorti Kriminali stess għamlet aċċenn għal dik id-dispożizzjoni. Qiegħed jingħad hekk għaliex fil-premessi ta' dak ir-rikors l-attriċi tat x'tifhem li kienet imħajra li tittrasferixxi sehemha.[1]

[1] Fir-rikors ippremettiet, *"Illi peress li l-esponenti ġiet ipprojbita milli tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn kull proprjeta mobbli jew immobbli, kif provdut fl-artikoli 8(a)(b) u 22(A) tal-Kap. 101, l-esponenti ma tistax tittrasferixxi l-proprjeta hawn fuq indikata"*.

16. Irrispettivament taqbilx jew le mad-digriet li tat il-Qorti Kriminali tal-14 ta' Novembru 2019, u li fih ma saret l-ebda referenza għas-subinċiż (3) tal-Art. 22A tal-Kap. 101, il-liġi tipprovdi għall-miżuri proċedurali biex il-Qorti tvarja l-ordni. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fis-sentenza George Tabone v. l-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Ottubru, 2018. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward tal-Art. 5(1) tal-Att dwar Money Laundering (Kap. 373) li kienet dispożizzjoni simili għal dik li hemm fl-Art. 22A(3) tal-Kap. 101:

> *"16. Din id-dispożizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*
>
> *…….*
>
> *18. l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza."*

17. Raġunament li għandu japplika wkoll għal dak li għandu x'jaqsam mar-reat ta' importazzjoni u bejgħ ta' droga. Insenjament li din il-Qorti segwiet fis-sentenza Yorgen Fenech v. Avukat tal-Istat (61/22/1) tas-26 ta' Frar, 2024.

18. Fir-realtà m'hemm xejn li jżomm lill-attriċi milli terġa' tagħmel l-istess talba li għamlet lill-Qorti Kriminali bir-rikors tat-23 ta' April 2019.

19. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-każ il-liġi toffri s-salvagwardji proċedurali li hemm bżonn biex jinħoloq il-bilanċ meħtieġ.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

20. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da